# L-ISKORPJUN

Ragel xih ra skorpjun jeghreq u ddecida li johorgu mill-ilma. Bil-kalma kollha dahhal idejh fl-ilma biex jerfa' l-iskorpjun, izda dan niggzu. Meta hass in-nigza, ir-ragel ferfer idejh u l-iskorpjun rega' waqa' fl-ilma.



Ghat-tieni darba ir-ragel ipprova jsalva l-iskorpjun imma dan niggzu mill-gdid bil-konsegwenza li l-povru annimal sab ruhu fil-bahar.

Tfajjel zaghzugh kien qed jinnota kollox, u qal lix-xih: " Skuzani, sinjur, kull darba li tipprova ssalva lil dik il-kreatura twegga'. Ghaliex tkompli tinsisti?"

"Ibni n-natura ta' l-iskorpjun hi li tniggez u tieghi hi li nghin. In-natura tieghi ma hiex ser tbiddel in-natura ta' l-iskorpjun."

Allura ir-ragel qaghad jahseb ghall-ftit, u uza werqa minn sigra fil-qrib biex jigbed l-iskorpjun 'l barra mill-ilma u jsalvalu hajtu.

*In-natura tal-bniedem ma titbiddilx. Jekk xi hadd joffendik, zgur li ser thossok insultat u offiz. Izda tista' tiehu prekawzjoni. Tkomplix tahseb fuq l-ingurja, izda ahfer u itlob lil Alla biex jaghtik il-grazzja li taghmel*

*dan. Ara li bhal ma dak il-bniedem ma mexiex mieghek sew, inti xi darba jew drabi ma imxejtx sew ma' Alla wkoll.*

*Halli l-kuxjenza tieghek tkun il-gwida f'dak kollu li taghmel.*